# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum l-10 t'Ottubru 2019**

Appell numru 96 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Simon BORG**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Marzu 2019 fil-konfront ta' Simon BORG, detentur tal-karta tal-identita 208085M fejn ġie mixli talli fit-22 t'Ottubru 2018, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu fil-Marsa (in suċċint)

i. Ikkommetta tentattiv ta' serq kwalifikat bil-vjolenza u l-valur a detriment ta' Alfred Attard, persuna anzjana li għalaq l-eta ta' sittin sena;

ii. Li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Alfred Attard;

iii. Xjentement ġiegħel jew ippermetta lil Alfred Attard bħala persuna anzjana dipendenti li ssofri, jew ġab fuqha uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli;

iv. Li kkommetta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta;

v. Li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b'digriet tas-27 ta' Marzu 2018 li permezz tagħhom ingħata l-ħelsien mill-arrest fosthom li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja;

vi. Li huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija flimkien mal-piena :
(a) tordna r-revoka contrario imperio tad-digrieti li bihom l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest kif ukoll tordna li s-somom kollha ta' depożitu u garanziji personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta;
(b) kif ukoll li tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti filwaqt li sabet lill-imputat Simon BORG mhux ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u lliberatu minnha, fil-kontemp sabitu ħati fir-rigward tal-ewwel, tieni, t-tielet u l-ħames imputazzjoni kif ukoll li huwa reċidiv u wara li rat l-artikoli 20, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 221(1)(a), 222A, 257C(1)(2)(b), 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 274(c), 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 289 u 579 tal-Kodiċi Kriminali kkundannatu għall-piena ta' ħames snin u sitt xhur priġunerija; filwaqt li ordnat ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tas-27 ta' Marzu 2018 u ordnat l-arrest mill-ġdid tiegħu; kif ukoll ordnat li d-depożitu t'elf euro stabbilit fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll li l-garanzija personali ta' ħamest elef euro stabbilita fid-digriet imsemmi tiġi mħalsa lil Gvern ta' Malta u fin-nuqqas din, jew kull bilanċ dovut jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita bil-liġi.

3. BORG appella b'rikors datat 1 t'April 2019 u qajjem żewġ aggravji :

(a) Li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi nonche interpretazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi kemm dwar ir-reat ta' tentattiv ta' serq kif ukoll fir-rigward tal-offiża fuq il-persuna;

(b) Li l-piena inflitta kienet waħda eżaġerata u ma kienetx waħda ekwa u ġusta.

*Ikkunsidrat : -*

4. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti, (f'dan il-każ bħala Qorti li tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati), ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2] Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali teżerċita setgħa ta' reviżjoni billi tanalizza jekk u safejn, dik il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew prodotti u tal-argumenti fattwali u legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa f'dan is-sens u għalbiex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

6. Din il-Qorti tanalizza l-provi dwar il-fatti u l-argumenti legali li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mhux biex tissostitwixxi lilha nnifisha għall-Qorti tal-Maġistrati; iżda sabiex

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet apprezzament skont il-Liġi u b'mod raġonevoli tal-provi u tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati interpretat il-fatti b'mod tajjeb u korrett skont il-Liġi, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

7. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tiġi konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li din il-Qorti tħoss li la jkun sigur u l-anqas sodisfaċenti tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, imbagħad din il-Qorti għandha s-setgħa u d-dmir li tiddisturba l-eżami, apprezzament, diskrezzjoni u deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati li jirriżultaw li jkunu żbaljati u li tibdilhom skont il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

8. Illi mill-kwadru probatorju prodott quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kemm fir-rigward tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti jidhrilha li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha. Dik il-Qorti għamlet apprezzament dettaljat tax-xiehda tal-parte civile Alfred Attard kif ukoll tax-xhud Alfred Schembri fir-rigward ta' kif żvolġa l-inċident li wassal biex Attard sofra l-offiża fuq ġismu.

9. Minn din l-analiżi, konfermata minn din il-Qorti waqt l-eżerċizzju ta' reviżjoni tagħha jirriżulta li l-appellant resaq għal fuq il-persuna tal-parte civile Alfred Attard waqt li Attard kien qiegħed fuq il-bankina jitkellem ma Alfred Schembri. Attard ħass lil min imisslu l-but minn wara, f'dik il-parti fejn kellu l-flus. Attard inħasad meta ħass lil min imisslu l-but fejn kellu l-flus, dar jiġri u waqt li kien qiegħed idur ħass qisu imbuttatura minn wara u waqgħa. Ġie taħt il-bankina wiċċu l-isfel u meta qam sab li kien miġrugħ għax kellu d-demm nieżel minn ma wiċċu.[3] Fil-Qorti tal-Maġistrati, Attard identifika lill-appellant bħala dak li kien laqtu u waqqgħu fl-art.[4]

10. Fil-but fejn ħass lill-appellant imissu Attard kellu l-flus fl-ammont ta' bejn €300 u €350. Minn dawn il-flus ma naqaslu xejn. Biss huwa ttieħed l-isptar. Qabel ma ħaduh l-isptar huwa qam minn mal-art u beda jgħid lill-aggressur *"ara x'għamiltli! Ara kemm ħiereġ demm hu!"*. L-appellant kien ser jerġa jagħmel għal Attard għalkemm Scicluna laqgħu biex ma jibqax ġej fuqu billi daħal bejniethom.[5] Kien hemm ukoll raġel, li ma ġiex identifikat, iżda li kemm Attard kif ukoll Scicluna jsemmuh fix-xiehda tagħhom li dar fuq l-appellant u qallu *"Lil dak ħa ssawwat?!... sawwat lili mela lil dak! Miskin raġel anzjan"*.[6] Imbagħad dar-raġel ħa lill-appellant lil hemm u qagħad miegħu sakemm waslu l-Pulizija.

[3] Fix-xiehda tat-Tabiba Sarah Debattista a fol 60, jirriżulta li din ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku maħruġ minnha eżebit a fol 31 mnejn jirriżulta li Alfred Attard sofra ġrieħi f'wiċċu, grif, nefħa madwar għajnu x-xellugija liema ġrieħi ġew klassifikati bħala slight save complications.
[4] Fol 72 – 73.
[5] Fol 76.
[6] Fol 73.

11. Alfred Schembri jikkonferma li l-appellant kien dak ir-raġel li għamel għal Alfred Attard dakinhar tal-inċident meritu ta' dan il-każ. Schembri jgħid li l-appellant qabdu minn wara[7] u tefgħu fl-art.[8] Schembri jikkonferma li huwa mar fuq l-appellant biex iżommu u ġie raġel, mhux identifikat iżda li kien bil-karozza li indirizza lill-appellant u ordnalu biex joqgħod bilqegħda mal-art. L-appellant qagħad mal-art sakemm waslu l-Pulizija.

12. Din il-Qorti jidhrilha li mill-provi prodotti il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni. Attard xehed ċar li l-appellant messlu l-but minn wara u kien għalhekk u x'ħin ħass lill-appellant imisslu l-but li huwa inħasad u dar f'daqqa. Dil-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati li dan huwa każ klassiku ta' *pick-pocketing gone wrong*. Ix-xiehda diretta u indiretta jippuntaw inekwivokabbilment lejn din it-tipoloġija ta' serq kwalifikat fil-forma tentata tagħha. Ħareġ ukoll li l-vjolenza intużat waqt l-att tat-tentattiv tas-serq. Apparti minn hekk Attard ikkonferma kemm kellu flus fuqu dakinhar li tikkostitwixxi wkoll prova tal-valur għall-fini tal-kwalifika tal-valur fis-serq.

13. Biss apparti t-tentattiv tas-serq, Attard ġie wkoll imbuttat mill-appellant. Attard għeleb mhux għax ma tawħx saqajh iżda għax ġie imbuttat mill-appellant. Dan huwa kkonfermat kemm minn Attard kif ukoll minn Schembri. Wara li qam minn mal-art jirriżulta li l-

[7] u fit-traskrizzjoni jidher li huwa kien iddeskriva minn fejn qabad lil Attard, għalkemm dan, naturalment ma ġiex imniżżel fit-traskrizzjoni tax-xiehda tiegħu.
[8] Fol 70.

appellant kien ser jerġa jmur għall-Attard, iżda did darba l-appellant ġie mrażżan. L-offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Attard ġiet konfermata kemm minn Attard innifsu kif ukoll teknikament grazzi għax-xiehda tat-Tabiba Sarah Debattista.

14. Ix-xiehda jikkonfermaw l-azzjoni tal-imbottatura magħmula mill-appellant fuq il-persuna ta' Attard. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta meta rriteniet li l-appellant kien tenut li jirrispondi għall-egħmil tiegħu u għall-konsegwenti offiża li tkun attwalment seħħet fuq il-persuna tal-vittma. Verament li kif qalet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvature sive Salvu Gauci*** :

> Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall- istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva.

Iżda jibqa' l-fatt li l-provi wrew li l-appellant imbotta persuna anzjana. L-appellant ma weriex l-intenzjoni tiegħu billi qallu li ser jimbuttaħ u li ried iweġġħu. L-intenzjoni tal-appellant riedet tiġi moqrija fl-isfond tal-att materjali li l-appellant wettaq, kif ukoll miċ-ċirkostanzi qabel, waqt u wara l-istess att materjali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta li f'dan kollu rat almenu l-intenzjoni ġenerika li l-appellant jikkawża ħsara fil-ġisem tal-vittma bl-imbottatura tiegħu jew ra l-ħsara fil-ġisem tal-vitma bħala konsegwenza probabbli ta' għemilu; u anke jekk ma riedx dik il-ħsara, huwa xorta waħda wettaq dak l-egħmil li ġab dik il-ħsara.

15. Dil-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ukoll korretta li ssib lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Ir-reat taħt l-artikolu 257C tal-Kodiċi Kriminali huwa kważi identiku għall-artikolu 368PC tal-Kodiċi Penali tal-Istat tal-Kalifornja, fl-Istati Uniti tal-Amerika u huwa intiż li jagħti protezzjoni speċjali kontra l-abbuż fuq persuni anżjani.[9] Dan l-artikolu jikkontempla kemm azzjoni iżolata ta' darba magħmula fuq anzjan,[10] kif ukoll sensiela t'azzjonijiet magħmulin fuq persuna anzjana.[11] F'dan il-każ fil-mument l-azzjoni penalment rilevanti tal-appellant kienet diretta lejn u mwetqa fuq persuna ta' 81 sena,[12] u b'hekk Attard kien qabeż il-limitu ta' sebgħin sena stabbilit bl-artikolu 257C(2) tal-Kodiċi Kriminali bi ħdax il-sena. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tapprezza aħjar kemm l-appellant kien messu jkun jaf li Attard kien anzjan skont il-Liġi, anke mis-sempliċi dehra tiegħu. L-azzjoni ta' imbottatura fuq persuna anzjana, kif diġa

[9] Dan l-artikolu jaqra hekk :

> Any person who knows or reasonably should know that a person is an elder or dependent adult and who, under circumstances or conditions likely to produce great bodily harm or death, willfully causes or permits any elder or dependent adult to suffer, or inflicts thereon unjustifiable physical pain or mental suffering, or having the care or custody of any elder or dependent adult, willfully causes or permits the person or health of the elder or dependent adult to be injured, or willfully causes or permits the elder or dependent adult to be placed in a situation in which his or her person or health is endangered, is punishable by imprisonment in a county jail not exceeding one year, or by a fine not to exceed six thousand dollars ($6,000) upon a first conviction or a fine not to exceed ten thousand dollars ($10,000) upon a second or subsequent conviction, or by both that fine and imprisonment, or by imprisonment in the state prison for two, three, or four years.

Mentri dak Malti jaqra hekk : -

> A person who knows or ought to know that a person is an elder or a dependent adult and who, under circumstances or conditions other than those likely to produce grievous bodily harm or death, wilfully causes or permits any elder or dependent adult to suffer, or inflicts thereon unjustifiable physical pain or mental suffering, or having the care or custody of any elder or dependent adult, wilfully causes or permits the person or health of the elder or dependent adult to be injured or wilfully causes or permits the elder or dependent adult to be placed in a situation in which his or her person or health may be endangered, shall be guilty of an offence and, without prejudice to any other punishment to which he may be liable under any other provision of this Code or of any other law, shall be liable to the punishment of imprisonment for a term from one to three years.

[10] Bħal fil-każ ta' azzjoni ta' vjolenza li sseħħ ta' darba waħda biss.

[11] Ara wkoll *Prosecuting Elder Abuse: Setting the Gold Standard in the Golden State,* Arthur Meirson, pubblikat fuq *Hastings Law Journal*, Volume 60, Issue 2, Article 9.

[12] Stante li twieled fis-27 ta' Ġunju 1937 – ara fol 103.

ingħad, magħquda maċ-ċirkostanzi li seħħew qabel, waqt u warajha juri li l-appellant ried jikkawża xi forma ta' ħsara fuq il-persuna tal-vitma anzjana kif imsemmi aktar il-fuq.

***Ikkunsidrat : -***

16. L-appellant ressaq aggravju wkoll dwar il-piena inflitta f'dan il-każ li huwa qiesha bħala li hija esaġerata u mhix waħda ekwa u ġusta. Huwa jqabbel is-sentenza mogħtija lill-appellant mas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emanuel Bartolo*** tal-15 ta' Marzu 2012 fejn għal reati ta' serq kwalifikat b'diversi aggravji, imwetqa f'postijiet u istanzi differenti u mżewqa b'diversi aggravji fosthom tal-valur u vjolenza, il-ħati f'dak il-każ kien ingħata sentenza ta' erba' snin priġunerija.

17. Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

18. L-**<u>aspett retributtiv</u>** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-

azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

19. L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

20. L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-

interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

21. Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv</u>** u **<u>rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

22. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittattiv u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

***Ikkunsidrat : -***

23. Illi meta l-ħati jappella wkoll fuq il-piena mogħtija lilu, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ ukoll jekk il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienetx taqa' fil-parametri tal-piena stabbilita mill-Liġi; jekk dik il-piena kienetx żbaljata fil-prinċipju; jew jekk kienetx manifestament eċċessiva.

24. Illi tibda' biex dil-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that

the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

25. Il-ġurisprudenza tgħallem li bħala regola, każijiet t'offiżi fuq il-persuna għandhom ikunu puniti b'pieni karċerarji effettivi,[13] u tqis ukoll li anke f'dan il-każ, il-piena idoneja kellha, u għandha tkun dik ta' priġunerija effettiva. Fil-prinċipju għalhekk il-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati kienet dik indikata għall-każ u ma kienetx piena żbaljata fil-prinċipju.

26. L-appellant jisħaq fuq id-disparita fis-sentenza mogħtija lilu meta mqabbla ma dik erogata fil-każ ***Emanuel Bartolo***. Huwa minnu li teżisti differenza fil-pieni erogati. Dwar dan il-punt, din il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjamenti ta' din il-Qorti, kemm kif komposta, kif ukoll kolleġjalment komposta f'kawżi preċedenti.

27. Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta, iżda diversament presjeduta, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ludvic Bugeja*** tad-9 ta' Frar 2011, fuq dan il-punt legali, dik il-Qorti iċċitat mill-***Blackstone*** is-silta segwenti b'riferenza għaċ-ċirkostanzi fejn u meta l-Qrati Ingliżi

[13] Ara ***Il-Pulizija vs Mariano Camilleri*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta' Frar 2002, kif ukoll ***Il-Pulizija vs Youssef Mbarrek*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-4 ta' Ġunju 2010.

jkunu propensi jikkonsidraw favorevolment appelli minn pieni li jkunu jidhru maħkuma minn disparita : -

> A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161.... However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.
>
> Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:
>
> There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor

> for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."

28.Iżda huwa evidenti li l-każ ***Emanuel Bartolo*** u l-każ in disamina huma separati u distinti minn xulxin. F'dan is-sens, allura ssir riferenza għall-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Ali Aibrahim Algaoud*** deċiża nhar l-20 ta' Mejju 2004 fejn adottat dan l-insenjament mid-Dritt Ingliż kif elaborat fl-***Archbold***:-

> The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see R.v. Stroud, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as R. v. Wood, 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., Fawcett, ante, and Broadbridge, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied" (enfazi tal-Qorti).

F'dan is-sens, paraguni bejn każijiet differenti, f'ċirkostanzi differenti, jistgħu ikunu odjużi.

29.Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet fil-parametri legali, jew manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala

Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

(a) għall-offiża in kwistjoni u
(b) għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-

sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

30. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti*.

31. Illi f'dan il-każ, l-appellant ġie misjub ħati ta' :-
   (a) tentattiv ta' serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur kommess fuq persuna anzjana li kienet għalqet wieħed u tmenin sena;
   (b) li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Alfred Attard;

(c) li xjentement ġiegħel jew ippermetta lil Alfred Attard bħala persuna anzjana dipendenti li ssofri, jew ġab fuqha uġiegħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli;

(d) li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b'digriet tas-27 ta' Marzu 2018 li permezz tagħhom ingħata l-ħelsien mill-arrest fosthom li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja;

(e) li huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

32. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li kien hemm il-konkors formali jew ideali bejn l-ewwel tliet imputazzjonijiet u qieset li għall-fini ta' piena, dawn ir-reati kellhom jiġu assorbiti fir-reat ta' tenttiv ta' serq kwalifikat taħt l-ewwel imputazzjoni. Fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati huwa dwar il-mod ta' kif din ħadmet il-minimum tal-piena applikabbli f'dan il-każ. Irid jingħad li l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qorti ma kienetx kostanti dwar kif issir il-komputazzjoni tal-piena f'xenarju kumpless bħal dak in disamina.

33. Dan hu każ tat-tentattiv ta' serq kwalifikat bil-valur u vjolenza fuq anzjan ta' 81 sena fejn il-piena stabbilita għat-tentattiv ta' reat hija msemmija fl-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali bħala l-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi. Għalhekk **qabel** ma jkunu jistgħu jiġu mnaqqsa dawn il-grad jew żewġ gradi, il-Qorti trid tistabbilixxi x'inhi l-piena għad-delitt ikkunsmat.

34. Id-delitt ikkunsmat huwa serq kwalifikat bil-valur u vjolenza fuq persuna ta' 81 sena. Il-piena għad-delitt ikkunsmat f'dan il-każ tieħu in konsiderazzjoni żiedet bażati fuq kriterji oġġettivi u soġġettivi li jitnisslu mill-artikoli 276A u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali. Il-vjolenza eżerċitata produċiet offiża ta' natura ħafifa. Il-valur ta' dak li setgħa jinsteraq ġie pruvat li kien madwar tliet mitt euro (€300).

35. Il-piena għal dawn l-estremi hija stabbilita fl-artikolu 274(c) tal-Kodiċi Kriminali bħala priġunerija li tvarja bejn sentejn u ħames snin. Iżda f'dan l-isfond huwa applikabbli wkoll l-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li f'estremi simili il-piena skont l-artikolu 274 tal-Kodiċi Kriminali **<u>għandha</u>** tiżdied bi grad **jew** żewġ gradi. Dan ifisser li l-piena trid bilfors titla' bi grad, jiġifieri l-parametri tal-piena jinbidlu billi jiġu f'minimu ta' tliet snin priġunerija u massimu ta' sitt snin priġunerija. Iż-żieda b'żewġ gradi l-fuq mill-piena statutorja tal-artikolu 274 tal-Kodiċi Kriminali hija diskrezjonarja fuq din il-Qorti u għalhekk il-Qorti tista' tagħżel li ma tapplikahiex. Żgur pero li l-Qorti hi marbuta biż-żieda ta' grad wieħed u għalhekk il-piena erogabbli għad-delitt ikkunsmat ma tistax tkun anqas minn tliet snin filwaqt li ma tistax tkun iżjed minn sitt snin.

36. Biss minħabba li dan is-serq, minbarra l-kwalifika tal-vjolenza kien ukoll aggravat bil-kwalifika tal-valur, isir applikabbli l-artikolu 277(a) tal-Kodiċi Kriminali li jagħmar li f'dan il-każ il-piena stabbilita fl-artikoli 274 u 276A ma tingħatax fil-*minimum* tagħha. F'dan il-punt għalhekk jiġi applikabbli l-artikolu 20 tal-Kodiċi

Kriminali li jgħid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-*minimum*, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*.

37. Kif intqal aktar il-fuq il-ġurisprudenza Maltija mhix konkordi dwar il-metodoloġija li trid tiġi segwita biex jiġi mħares l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali. Hemm żewġ kurrenti ta' ħsieb prinċipali :

(a) dik li tqis li l-komputazzjoni tal-minimu għandu jkun kalkulat billi mill-massimu tal-piena jitnaqqas il-minimu u r-riżultat jiġi diviż bi tlieta, sabiex joħroġ it-terz ta' din id-differenza. Ir-riżultat imbagħad ikun ritenut bħala dik il-piena minima li skont l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti ma tistax tagħti piena anqas minnha.[14]

(b) Imbagħad hemm interpretazzjoni oħra li permezz tagħha ma tieqafx mar-riżultat li joħroġ it-terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu bħala dak li jissodisfa l-vot tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda dan il-kurrent jaqbad ir-riżultat ta' terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu u jżidu mal-minimum tal-piena statutorja stabbilita mill-artikolu li joħloq ir-reat u jistabbilixxi l-parametri tal-piena.[15] Jidher li l-Qorti tal-Maġistrati aderiet ma dan il-kurrent ta' ħsieb dwar l-interpretazzjoni tal-metodoloġija wara l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali.

---

[14] Ara ***Il-Pulizija vs Domenic Deguara***, Qorti tal-Appell Kriminali, 4 t'Awissu 2005; ***Il-Pulizija vs Kevin Joseph Camilleri***, Qorti tal-Appell Kriminali, 12 ta' Frar 2009; ***Il-Pulizija vs Paul Calleja***, Qorti tal-Appell Kriminali, 13 t'Ottubru 2009; ***Il-Pulizija vs. Omissis***, Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Jannar 2010; ***Il-Pulizija vs Carl Grima***, Qorti tal-Appell Kriminali, 7 t'Ottubru 2015.

[15] ***Il-Pulizija vs Simon Camilleri***, Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Marzu, 2011.

38. Il-loġika wara l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali hija li l-minimu tal-piena li tkun tista' tingħata mill-Qorti jkun għola mill-minimu statutorju u dan għaliex ikun previst li r-reat ikun aktar gravi u jkun jimmerita *minimum* li jkun għola minn dak previst mill-*minimum* stabbilit mill-artikolu li joħloq ir-reat u l-parametri tal-piena. Fil-fatt fil-maġġoranza tal-każijiet fejn l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli, il-*minimum* maħdum b'din il-formula dejjem jiġi għola mill-*minimum* stabbilit fil-parametri tal-pieni fl-artikolu li joħloq ir-reat u jippreskrivi l-piena. Hekk per eżempju bosta drabi jiġri taħt l-artikoli 278(3) jew 280(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn il-piena *minimum* stabbilita taħt l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali tkun għola mill-*minimum* stabbilit b'dawk l-artikoli.

39. Iżda bosta drabi jiġri wkoll li f'każijiet fejn il-parametri ta' bejn il-minimum u l-maximum jkunu qrib xulxin, it-terz tad-differenza bejniethom jispiċċa jkun anqas mill-*minimum* statutorju stabbilit fil-parametri tal-piena msemmija fl-artikolu li joħloq ir-reat. Hekk jiġri f'dan il-każ fejn il-piena statutorja awmentata taħt l-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali tiġi bejn tliet snin u sitt snin. F'dan il-każ it-terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* tiġi tnax il-xahar. Evidentement din hija piena li hija ferm anqas mill-*minimum* statutorju ta' tliet snin imsemmi fl-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali.

40. L-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li meta l-piena m'għandhiex tingħata fil-*minimum*, il-piena li għandha tingħata

**<u>għandu dejjem ikun fiha għall-anqas</u>** terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*. Issa f'dan il-każ, bla dubju ta' xejn il-*minimum* ta' tliet snin diġa għandu inkluż fih għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*, li jiġi sena priġunerija.

41. L-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li l-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* – u **<u>ma jgħidx</u>** li l-piena li għandha tingħata **<u>għandha tiżdied</u>** bit-terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*.

42. Din il-Qorti tifhem li f'dan ix-xenarju meta l-*minimum* tal-piena statutorja jkun għola mill-*minimum* stabbilit bl-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali jkun ifisser li l-*minimum* statutorju jkun diġa ta' livell għoli tali li jkun jikkawtela dik iż-żieda li l-leġislatur ried li tkun applikabbli minħabba l-gravita tar-reat. Din l-interpretazzjoni hija wkoll aktar fidila lejn dak li jippreskrivi l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ma tissoġġettax lill-ħati għal *minimum* ta' piena aktar gravuża.

43. F'dan il-każ għalhekk il-piena minima għad-delitt ikkunsmat qed tiġi ritenuta li hija dik li temerġi mill-artikolu li joħloq il-piena awmentata u għalhekk l-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali li jiġi ogħola mill-piena stabbilita bl-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-piena minima għal dan ir-reat għandha titqies li hija dik ta' tliet snin priġunerija.

44. Mill-banda l-oħra f'dan il-każ l-appellant qiegħed jiġi addebitat bit-tentattiv tar-reat u mhux bir-reat ikkunsmat. Għalhekk kif intqal aktar il-fuq din il-piena trid tiġi mnaqsa bi grad jew tnejn. Dan ifisser li l-Qorti hija **obbligata** li tnaqqas il-piena minima statutorja għad-delitt ikkunsmat bi grad. Mill-banda l-oħra hija **tista' tagħżel** ukoll li tnaqqas il-piena minima statutorja b'żewġ gradi. Biss dan l-aħħar tnaqqis mhux obbligatorju fuq il-Qorti. Din il-Qorti qegħda tagħżel li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tnaqqas il-piena minima statutorja għad-delitt ikkunsmat bi grad : jiġifieri piena li ma tkunx anqas minn sentejn priġunerija.

45. Biss pero jibqa l-fatt li l-artikolu 277(a) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi formula biex jiġi stabbilit il-*minimum* tal-piena erogabbli, aktar milli l-*maximum*. Il-massimu tal-piena skont l-artikolu 274(c), kif tassattivament awmentat bi grad ai termini tal-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali, xorta waħda jibqa dak ta' sitt snin priġunerija. Jiġifieri l-piena li ġiet erogata mill-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li kienet fil-parametri tal-piena li setgħet tiġi mogħtija lill-appellant għar-reati li kkommetta u li tagħhom ġie misjub ħati minn dik il-Qorti.

46. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ukoll korretta li rriteniet lill-appellant bħala li kien reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-provi jirriżulta li huwa kien ġie kundannat għal pieni ta' priġunerija għal reati ta'

serq fil-11 t'Ottubru 2010,[16] kif ukoll fit-8 ta' Jannar 2018,[17] kif ukoll ta' delitti oħra skont sentenza datata 19 ta' Ġunju 2018.[18] F'dan il-każ għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet iżżid il-piena fil-konfront tal-appellant bi grad jew tnejn.

47. Minbarra dan il-Qorti tal-Maġistrati sabet ukoll lill-appellant ħati tar-reat ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu kkommetta r-reati de quo waqt li l-ħati kien soġġett għall-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest maħruġa fil-konfront tiegħu fis-27 ta' Marzu 2018.[19]

48. L-appellant itenni li huwa jrid sa fl-aħħar li jibda perkors biex jinqata' mill-vizzju tal-abbuż mid-droga. Din il-Qorti trid tinkoraġġixxi lil min jagħraf ir-responsabbiltajiet tiegħu u jiddeċiedi li jibdel ħajtu għall-aħjar, bil-provi. Dan ikun ta' ġid kemm għalih, kif ukoll għas-soċjeta li jgħix fiha, in kwantu din ma jaqblilhiex li jkollha elementi fostha li jkomplu jippersistu fil-kriminalita u istituzjonalizzazzjoni. F'dan il-każ, u għar-raġunijiet spjegati aktar il-fuq, dil-Qorti tqis li hemm lok li jkun hemm temperament moderat li jirrifletti aktar il-bilanċ bejn iċ-ċirkostanzi riżultanti tal-appellant u l-iskop u l-effetti tal-piena kif spjegati aktar il-fuq, bit-tama li fiż-żmien li ġej l-appellant ikun jista' jitbiegħed mit-teħid tad-droga u jibda jirrijabilita ruħu għall-ġid tiegħu u ta' dawk ta' madwaru.

---

[16] Sentenza a fol 106, dok RV 12.
[17] Sentenza a fol 36, dok RV 8.
[18] Sentenza a fol 104, dok RV 11.
[19] Ara kopja awtentika tad-digriet a fol 103, debitament konfermati mill-Ispettur Elton Taliana nhar is-26 ta' Novembru 2018.

# *Konklużjoni*

Għaldaqstant għall-motivi premessi, il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa l-appell f'dik il-parti fejn jitratta l-piena u b'hekk tirriforma s-sentenza appellata biss f'dik il-parti li tolqot il-piena fejn ikkundannat lill-ħati għall-piena komplessiva ta' ħames snin u sitt xhur priġunerija u minflok tikkundannaħ għall-piena komplessiva ta' erba' snin priġunerija, filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***